



Brussell, 23 ta' April 2021
(OR. en)

7894/21

DEVGEN 72
COVID-19 152
ACP 25
RELEX 319
COHAFA 33
COAFR 95
SUSTDEV 39
ELARG 13
COWEB 33
COEST 90
MAMA 63
MOG 35

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' April 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 7752/21

Suġġett: Tim Ewropa

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' April 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tim Ewropa, approvati bi proċedura bil-miktub fit-23 ta' April 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tim Ewropa**Kuntest**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2020 u jenfasizza li l-approċċ ta' Tim Ewropa jikkontribwixxi biex juri t-tmexxija, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà globali tal-UE. Tim Ewropa għandu l-għan li jappoġġa b'mod konġunt lis-sħab biex jegħlbu l-ħtiġijiet urġenti u jtaffu l-impatti tas-saħħa, soċjali, ekonomiċi, umanitarji, tas-sigurtà u politiċi tal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt. Tim Ewropa għandu wkoll l-għan li jiġġielel l-aggravament tal-inugwaljanzi, l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u dik domestika. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-COVID-19 laqtet b'mod negattiv lin-nisa u l-bniet madwar id-dinja, u jtenni li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma prijoritajiet speċifiċi tal-UE fl-oqsma kollha ta' azzjoni u li huma meħtieġa miżuri speċifiċi f'dan ir-rigward fil-livelli kollha. Il-Kunsill jagħraf il-kontribuzzjonijiet importanti li saru mill-membri kollha ta' Tim Ewropa bħala parti mir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19. Il-Kunsill jinnota li f'Jannar 2021, il-kontribuzzjonijiet kif riflessi fis-sistema ta' monitoraġġ finanzjarju konġunt għall-COVID-19 jammontaw għal EUR 40.5 biljun.
2. Il-Kunsill ifakkar li Tim Ewropa jikkonsisti mill-UE, l-Istati Membri tagħha, in-network diplomatiku tagħhom, l-istituzzjonijiet finanzjarji inkluż il-banek nazzjonali tal-iżvilupp, u l-aġenziji ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ). Il-membri kollha ta' Tim Ewropa jaħdmu flimkien b'mod inklużiv u kkoordinat biex jappoġġaw lis-sħab. Tim Ewropa hu aktar mis-somma totali tal-partijiet tiegħu.
3. Il-Kunsill jenfasizza li l-kondiviżjoni proattiva tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni mill-qrib, il-kordinazzjoni u l-flessibbiltà mill-membri kollha tat-tim huma essenzjali biex l-azzjonijiet konġunti jkollhom impatt sostenibbli. Dan jifforma wkoll parti essenzjali mill-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Impenji u Azzjonijiet

4. Il-Kunsill jissottolinja li Tim Ewropa jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-valuri u l-interessi tal-UE madwar id-dinja, u l-oġettivi tiegħu huma kompletament konformi mal-Kunsens Ewropew Ġdid dwar l-Iżvilupp u l-Istrateġija Globali tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza li l-interventi ta' Tim Ewropa jimmiraw lejn irkupru sostenibbli globali fl-ispirtu ta' "bini mill-ġdid aħjar u aktar ekoloġiku", il-kisba tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Tim Ewropa jiffoka fuq li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li l-ewwel jintlaħaq dak li jinsab l-aħħar nett, filwaqt li jiżgura l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh. Tim Ewropa jaġixxi f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab u jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomiji u soċjetajiet inklużivi u sostenibbli, biex jippromwovi d-diġitalizzazzjoni għall-iżvilupp u l-konnettività sostenibbli, isaħħaħ ir-reżiljenza u jnaqqas ir-riskju ta' kriżijiet futuri.
5. Il-Kunsill jenfasizza li Tim Ewropa huwa impenjat b'mod sħiħ għall-promozzjoni ta' rkupru li jirrispetta l-ambjent u investimenti f'azzjonijiet ambizzjużi dwar il-klima f'konformità mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex jallinjaw aħjar il-politiki tagħhom mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill jenfasizza li l-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) huma punti ta' referenza importanti għal investimenti ekoloġiċi u blu sostenibbli. Sabiex titqies in-natura kumplessa tal-interrelazzjonijiet bejn il-bniedem u l-ambjent, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkonservati l-bijodiversità u l-foresti tal-pjaneta, li jiġi promoss l-użu sostenibbli tal-art u tal-oċeani, u jinkoraġġixxi l-użu ta' approċċi komprensivi bħal "Saħħa Waħda".
6. L-approċċ ta' Tim Ewropa jirrifletti l-impenn qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lejn il-multilateraliżmu u jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet multilaterali u l-koordinazzjoni fi ħdanhom b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari fi ħdan is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u fir-rigward tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs).
7. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaqdu rwol importanti fl-isforzi internazzjonali kkoordinati għall-ħelsien mid-dejn u t-trattament tad-dejn u huma impenjati li jkomplu bl-isforzi internazzjonali ta' ħelsien mid-dejn b'mod ikkoordinat fi ħdan oqfsa multilaterali rilevanti bħall-inizjattivi tal-FMI/Bank Dinji u l-G20/Klabb ta' Pariġi.

8. Tim Ewropa huwa impenjat li jtejjeb is-saħħa globali fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u lil hinn minnha. Huwa essenzjali li jiġi żgurat aċċess globali f'waqtu, ġust u ekwu għal vaċċini, terapiji u dijanjostika sikuri, affordabbli u effettivi kontra l-COVID-19 – bħala ben pubbliku globali. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma fil-qalba tal-isforzi multilaterali rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 u l-Faċilità COVAX tiegħu. It-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u tas-sistemi tal-ilma u s-sanità, il-faċilitazzjoni tat-tnejja u r-rispons għall-epidemiji, u l-promozzjoni ta' approċċi komprensivi u inklużivi għas-saħħa pubblika, huma prijoritajiet ewlenin.
9. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE, skont il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li tibqa' impenjata lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet kollha tal-bniedem u rigward l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, jibqa' impenjat għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR).
10. Il-Kunsill jappella lill-membri kollha ta' Tim Ewropa biex iżidu l-viżibbiltà tal-impenn konġunt tagħhom bħala Tim Ewropa b'mod strateġiku, inkluż permezz ta' messaġġi konġunti msaħħa fil-livelli kollha u l-użu estensiv tal-identità viżiva l-ġdida ta' Tim Ewropa. Id-diżinformazzjoni jeħtieġ li tiġi miġġielda b'mod attiv. Il-Kunsill jenfasizza li komunikazzjoni mfassla apposta u strateġika hija essenzjali, u jtenni l-appell tiegħu lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni b'saħħitha.
11. Il-Kunsill jappella lil Tim Ewropa biex ikompli jirrispondi b'mod konġunt għall-kriżi, filwaqt li jqis b'mod sħiħ ir-rabta bejn il-bniedem, l-iżvilupp u l-paċi u l-approċċ integrat. Il-partijiet ikkonċernati kollha jeħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji umanitarji u jaderixxu mad-dritt umanitarju internazzjonali fiċ-ċirkostanzi kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgurar tal-aċċess f'waqtu, sikur u mingħajr xkiel għal dawk fil-bżonn. Il-Kunsill jappella wkoll lill-membri ta' Tim Ewropa biex ikomplu jitgħallmu mill-esperjenzi tagħhom, bil-ħsieb li tiżdied ulterjorment l-effettività tal-impenn konġunt tal-UE lil hinn mill-kriżi.

12. Il-Kunsill jenfasizza li s-salvagwardja tal-koerenza fir-rigward tal-ipprogrammar tal-fondi tal-UE taħt l-Istrument previst ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) hija essenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa (TEIs) u l-Ipprogrammar Konġunt/Ħidma Aħjar Flimkien. Il-Kunsill jappella lill-membri ta' Tim Ewropa biex jikkoordinaw mill-qrib u b'mod konġunt ifasslu, jimplimentaw u jimmonitorjaw l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa b'mod inklużiv.
13. Il-Kunsill jenfasizza l-prinċipji li ġejjin fir-rigward tat-TEIs:
- It-TEIs jeħtieġ li jimmiraw lejn l-akbar impatt trasformattiv u bidla sistemika f'konformità mal-prinċipju li l-politiki jiġu l-ewwel u mal-oġettivi u l-valuri strateġiċi tal-UE. It-TEIs jeħtieġ li jikkontribwixxu għall-oġettivi u l-miri taħt l-NDICI previst. It-TEIs jeħtieġ li jiġu ppjanati b'mod strateġiku u koerenti, marbuta ma' djalogi politiċi u ta' politika u jappoġġaw ir-riformi.
 - It-TEIs jeħtieġ li jiġu allinjati mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi sħab. Jeħtieġ li jitfasslu u jiġu implimentati permezz tal-parteċipazzjoni mas-sħab rilevanti, inkluż dawk li jimplimentaw l-azzjonijiet fuq il-post.
 - It-TEIs jeħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji ta' trasparenza u responsabbiltà, sostenibbiltà, effettività u riżultati, "la tagħmilx ħsara", sjieda tal-pajjiż u sħubija inklużiva.
 - It-TEIs jeħtieġ li jisfruttaw il-potenzjal ta' żvilupp tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili, u jappoġġaw u jemanċipaw ir-rwol indipendenti u attiv tagħhom fit-trasformazzjoni demokratika.
 - It-TEIs jeħtieġ li jibnu lejn iż-żieda fl-użu tal-Ipprogrammar Konġunt bħala l-approċċ preferut, fejn fattibbli. Jistgħu jagħmlu użu wkoll minn impenji bilaterali tal-Istati Membri u membri oħra ta' Tim Ewropa. Il-proċeduri stabbiliti ta' Programmar Konġunt jenħtieġ li jiġu riveduti biex jiżdiedu l-ħeffa, il-faċilità tal-użu u l-flessibbiltà.
 - It-TEIs jeħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-pajjiż u dak reġjonali/multinazzjonali. It-TEIs tematiċi jenħtieġ li jiġu esplorati fil-livell globali.
 - It-TEIs jeħtieġ li jiġu mmonitorjati u evalwati regolarment, u jiġu aġġustati jekk meħtieġ.
14. Il-Kunsill ser ikompli jipprovdi gwida strateġika rigward l-impenn konġunt ta' Tim Ewropa fuq bażi regolari.